**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 91/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Loreto Portelli**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Loreto Portelli**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0415477(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-20 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs u ħamsa ta' wara nofs in-nhar (17.35hrs) ġewwa Triq Għar Dalam, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-Uffiċjal tal-Komunita' 579, Anthony Gerald Schinto f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-Uffiċjal tal-

Komunita' 579 Anthony Gerald Schinto, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, hekk kif iċċertifika Dr. Ian Psaila (Med. Reg no. 3395);

2. inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuna nkarigata sont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè lill-Uffiċjal tal-Komunita' 579 Anthony Gerald Schinto waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li titqies bħala vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè lill-Uffiċjal tal-Komunita' 579 Anthony Gerald Schinto waqt li kien qed jaġixxi għal esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

4. b'xi mod attakka jew irreżista bi vjolenza lill-Uffiċjal tal-Komunita' numru 579 waqt il-qadi ta' dmirijietu taħt l-Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita';

5. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn 250 Euro;

6. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' Anthony Gerald Schinto *ai termini* ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhirlha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Marzu 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 221(1), 95, 96(a), 325(1)(ċ), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 19(1) u (2) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha

miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u għal piena ta' ħlas ta' multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) li bl-applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet tiħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u erbgħin Euro (€140) bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena ta' priġunerija u jekk jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ ikun dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata in kwantu li tikkonferma li l-esponenti hu ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tibdel il-piena nflitta fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan billi tirriduċi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti għal waħda anqas ħarxa mingħajr priġunerija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabitu ħati tal-

imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu b'dan illi talab li din il-Qorti tibdel il-piena nflitta għal waħda inqas ħarxa mingħajr priġunerija.

Illi b'hekk il-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena ta' sitt xhur priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq is-segwenti:

- huwa bniedem kwiet u qatt ma wettaq reat;
- huwa ddispjaċieh għall-inċident li seħħ f'saħna tal-mument u li skuża ruħu għal dak li kien ġara;
- huwa ammetta fl-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti u dan wara li l-Prosekuzzjoni avviċinat lid-difiża u ssuġġeriet li l-appellant għandu jingħata sentenza sospiża apparti l-multa, liema suġġeriment ġie milqugħ mid-difiża;
- il-piena maqbula bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża kienet waħda fil-parametri tal-liġi;
- l-Ewwel Qorti rriferiet għal numru ta' sentenzi iżda l-fatti f'dawk il-kawżi kienu differenti minn dawk ta' dan il-każ waqt li kien hemm sentenzi oħra fejn il-Qrati xorta ma applikawx il-piena ta' priġunerija effettiva għalkemm il-fatti kienu simili.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel ma' l-Qorti tipproċedi ulterjorment, il-Qorti tinnota li mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-22 ta' Marzu 2019 quddiem l-Ewwel Qorti <u>ma jirriżultax</u> miktub li l-Prosekuzzjoni u d-difiża kienu qablu jew b'xi mod issuġġerew li l-piena fil-konfront tal-appellant kellha tkun dik ta' multa u priġunerija t-terminu ta' liema kellu jkun sospiż.  Kien ikun aħjar li kieku dan il-fatt, jekk

huwa minnu, ġie vverbalizzat fil-verbal imsemmi! Bħala parenteżi jingħad ukoll li anke kieku ġie vverbalizzat dan il-qbil jew suġġeriment bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża, xejn ma kien iwaqqaf lill-Ewwel Qorti milli tagħti piena differenti.

Illi jirriżulta mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti mxiet ma' numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn it-tendenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet li tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva kull meta jkun hemm involut xi uffiċjal tal-Pulizija jew xi uffiċjal tal-komunita' li b'xi mod ikun safa vittma ta' aggressjoni waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat kollox – inkluż l-ammissjoni bikrija kif ukoll il-fedina penali netta tal-appellant u applikat ukoll il-minimum possibbli f'dik li hija piena ta' priġunerija. Il-Qorti tal-Maġistrati riedet tibgħat messaġġ qawwi li l-uffiċjali għandhom ikun rrispettati waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

Illi din il-Qorti wkoll hija tal-fehma li l-uffiċjali in kwistjoni għandhom ikollhom is-serħan tal-moħħ li mhux ser jiġu attakkati waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Is-soċjeta' ma tistax tittolera li kull meta xi uffiċjal iwaqqaf lil xi ħadd dan jaqbad u jaggredixxi lill-uffiċjal għaliex dan ikun ifisser li kulħadd jista' jagħmel li jrid billi jattakka u jhedded.

Illi f'dan il-każ l-appellant twaqqaf mill-Uffiċjal tal-Komunita' minħabba li baqa' jsuq meta d-dawl kien aħmar. Lanqas li kieku l-Uffiċjal tal-Komunita' kien żbaljat, l-appellant qatt ma kellu id-dritt li jhedded u jattakka lill-uffiċjal in kwistjoni. Għalhekk hemm l-edukazzjoni għal kulħadd sabiex meta jkun il-waqt titkellem ma' dak li jkun bir-rispett u, jekk hemm bżonn, wieħed juża l-proċedura legali imma mhux li wieħed jaqbad u jagħti. Din l-imġieba m'għandhiex tkun ittollerata f'pajjiż ċivilizzat.

Illi l-Qorti tqies dak li qalet il-Prosekuzzjoni waqt is-sottomissjonijiet tagħha fejn qalet: *"Sentenza sospiża qiegħda fil-parametri iva, jiena fiċ-ċirkostanzi nirrimetti ruħi"* (*a fol.* 38).

Illi l-Qorti qieset li hemm sensiela ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali li jinsistu fuq l-applikazzjoni ta' priġunerija effettiva waqt li sensiela ġmielha tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn intuża mod ieħor ta' ġudizzju.

Illi din il-Qorti tibqa' tal-fehma li għandu jintbagħat messaġġ lis-soċjeta' kollha li kull uffiċjal irid ikun ittrattat bir-rispett ukoll jekk wieħed jaħseb li għandu raġun mija fil-mija. F'dan il-każ pero' l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti:

- l-ammissjoni bikrija tal-appellant li kellu 42 sena meta seħħ l-akkadut;

- minn dakinhar tal-akkadut sallum għaddew erba' snin;

- il-fedina penali tal-appellant baqgħet waħda kompletament nadifa;

- għalkemm l-appellant ġie akkużat b'sitt imputazzjonijiet, ħafna minnhom għandhom ikun assorbiti *ai termini* ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- quddiem din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li sentenza sospiża kienet waħda fil-parametri tal-liġi.

Illi meħud in konsiderazzjoni dan t'hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun hemm temperament fil-piena imposta fil-konfront tal-appellant bil-mod kif imsemmi hawn isfel.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant u filwaqt li tikkonferma l-ħtija tiegħu fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu, tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

tikkonfermaha fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant iħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5000) bil-mod kif indikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'dan pero' li l-ewwel ħlas irid isir fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza u

timmodifikaha fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kkundannat lill-appellant għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u minflok b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin waqt li l-appellant irid iħallas l-ispejjeż riżultanti mill-ħsara li għamel kemm fuq il-persuna kif ukoll fuq il-proprjeta' fi żmien tlitt (3) xhur mil-lum u dan *ai termini* ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju u bl-aktar mod ċar l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk iwettaq reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**